Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-11 ta' Lulju 2024**

**Kump. Nru. 36/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Versus**

**Denis Calleja**
**(363575M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Denis Calleja,** detentur tal-karta tal-identita' 363575M;

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Novembru 2019 u fil-granet ta' qabel gewwa Bahar ic-Caghaq, Naxxar, b'diversi atti maghmula minnek fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Gieghel annimal isofri ugiegh, tbaghtija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm jew qabel li jzomm annimali minghajr ma kien responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom,u dan bi ksur tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma hax dawk il-passi ragjonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura li l-htigijiet ta' annimal li kien responsabbli ghalih, jew li qabel li jiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi

prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimal, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rabat, qafel, rabat b'katina jew irrestringa kelb, jew ikkawza kelb li jintrabat, jinqafel, jew jintrabat b'katina, marbuta ma' kwalunkwe oggett wieqaf bhala mezz permanenti ta' zamma tal-kelb jew bhala mezz primarju ta' zamma tal-kelb, u dan bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-L.S. 439.21 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi zamm kelb ta' eta' t'erba' xhur jew aktar minghajr licenzja (cippa), u dan bi ksur tar-Regolament 5(2) tal-L.S. 437.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed Dr. Vella Verzin, Veterinary Officer mal-Animal Welfare, xehed illi fit-22 ta' Novembru 2019, f'xi 11.45am ircevew telefonata minn PC217 u PC451, Pulizija tal-ALE, li qalulhom biex jmorru ghax kien hemm kelb li kien qieghed jinzamm marbut b'katina gewwa farmhouse f'Bahar ic-Caghaq. Huma marru fuq il-post u sabu l-kelb tal-kacca, marbut minn ghonqu b'katina twila tal-hadid, li kellu xelter tal-*bricks* fejn seta' jidhol gewwa biex jistkenn. Il-xelter kien mahmug b'hafna gebel u ma kienx hemm kumdita' ghal kelb. Ilma ma kellux, jew jekk kellu ftit u li kien mahmug. Iccekjaw il-kelb u sabu li ma kellux cippa u b'hekk ma kienux jafu ta' min hu u haduh maghhom. Dakinhar, gew ikkuntatjati bit-telephone mis-sid, u ghalkemm talbuh l-id card, ma riedx jaghtihom informazzjoni dwaru, izda wara tlett ijiem rega' cempel u tahom id-dettalji tieghu u kkopera maghhom. Ix-xhud pprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok DC1 bir-ritratti li kien ha dakinhar. Ix-xhud kompla jghid illi l-annimali li jigu ssekwestrati jigu addottati minn sanctuary, u hekk gara f'dan il kaz. Wara li sar assessment fuq il-kelb fl-isptar tal-

annimali, Ta' Qali, gie innotat li ma kellux griehi jew sinjali ta' maltrattament.

Illi xehed Joseph Gatt fejn qal illi hu ufficjal tal-Animal Welfare, u kien mar ma' Dr Vella Verzin f'ghalqa Bahar ic-Caghaq, fejn sabu kelb tal-kacca marbut ma' bicca bricks, b'katina tal-hadid. Kellu xelter mahmug u minghajr kutra u kien hemm bicciet tal-bricks u debris, u l-landa tal-ilma kienet vojta. Ma kellux sinjali ta' griehi jew maltrattament. Huma daru dawra mal-post u nizzlu d-dettalji ghar-rapport.

Illi xehed PS 1030, Clinton Theuma fejn qal illi fl-1 ta' Novembru 2019, ghal habta tas-5.45am qabel ma sebah, waqt illi kienu qeghdin jaghmlu spezzjoni ta' l-ghelieqi f'Bahar ic-Caghaq, innotaw geru tar-razza tal-kacca, marbut b'katina ma' kennel mibnija bil-gebel, u li ma kellux ikel u xorb. Illi fis-6 ta' Novembru 2019, iddecidew jergghu jaghmlu spezzjoni ohra f'xi s-7.00am u regghu sabu l-kelb marbut mal-kennel fit-trejqa u fil-kesha, u fil-fatt fejn kien qieghed dan il-geru seta' jisirqu xi hadd. Meta marru fuq il-post rega' ma kienx hemm sid ir-razzett. Huma marru xtraw l-ikel ghal kelb u tawh jiekol u jixrob. Kien hemm xelter tal-gebel, izda ma kien hemm xejn gewwa lanqas kutra. Il-kollega tieghu PC217, kien infurmah illi kienu regghu sabu l-kelb fl-istess sitwazzjoni u kienu cemplu lil tal-Animal Welfare u kienu gabruh. Ftit granet wara fit-28 ta' Novembru 2019 l-kollega tieghu infurmah illi kienu sabu min kien is-sid, u li kien sejjer l-ufficju tal-EPU biex ikellmuh. Hu gharaf lil Denis Calleja fl-awla bhala l-imputat, li wara li tawh id-drittijiet tieghu, spjegawlu li l-kelb kien qieghed l-Animal Welfare, u li ma kellux cippa kif suppost. L-imputat qalilhom li kien sab il-kelb u gabru, fejn qal ukoll li ma jhallihx l-ghalqa il-hin kollu, imma gieli jiehdu d-dar mieghu wkoll.

Illi fit-13 t'April 2023 xehed in kontro ezami PS1030, fejn qal illi l-kelb kien go passagg pubbliku bejn l-ghelieqi li jghaddu l-karozzi minnha. Kien hemm kennel tal-gebel mibnija l-barra minn grada gol-passagg, u wara l-grada kien hemm proprjeta' privata. Ic-cinga tal-kelb kienet twila bejn metru u nofs u zewg metri. Hu kien ra l-kelb xi tliet darbiet u kien rah f'xi s-6.00am fil-bidu tas-shift, u kien jkun marbut mal-kennel li kienet vojta u bla bedding. Hu kien iccekkja u ra l-bowls tal-ikel u xorb vojta. Innota li kien hemm borza tal-ikel wara l-grada u fit-tliet darbiet tah jiekol mill-borza.

Illi xehed Italo Mizzi fejn qal illi fl-1 ta' Novembru 2019 ghal habta tal-5.30am kien ma' PS1030 Clinton Theuma, qeghdin jaghmlu spezzjonijiet ta' kacca u nsib, u kienu sabu kelb marbut b'cinga li kien ukoll bla ikel u xorb gewwa Bahar ic-Caghaq. Fis-6 ta' Novembru 2019 fis-7.00am, regghu ghaddew mill-istess post u regghu raw il-kelb, li kien jidher ghadu zghir mill-eta', marbut bic-cinga tal-hadid u minghajr ikel u xorb. Kien hemm kamra zghira tal-bricks barra mill-fond tar-razzett li kienet bl-imbarazz, bicciet tal-bricks u debris. PS 1030 kien mar jixtrilu l-ikel u rega' mar jaghtihulu. Huma tkellmu ma' l-iSpettur taghhom dwar il-kaz. Fit-22 ta' Novembru 2019 kien xoghol ma' PC451 u ghaddew mill-post fil-11.00am u regghu raw il-kelb minghajr ikel u xorb, u ddecidew li jcemplu lil tal-Animal Welfare. Marru Dr. Luke Vella u Joseph Gatt mill-Animal Welfare, u wara li iccekkjawh, sabu li l-kelb ma kellux cippa. Iddecidew li jiehduh maghhom u kienu ser jiehduh Ta' Qali. Ix-xhud kompla jghid illi hu mar darbtejn ohra biex jipprova jsib is-sid, izda ma sab lil hadd. Fuq barra tal-fond kien hemm gallinar bil-hamiem u hadu xi hamiem u sabu li kienu ta' membru tal-Pigeon Club ta' San Gwann, fejn wara li sar kuntatt maghhom tawh id-dettalji ta' Denis Calleja, li gharaf fl-awla bhala l-imputat. Denis Calleja stess beda jcempel l-ufficcju taghhom tal-EPU, u kien accetta li jmur l-ufficcju biex jkellmuh. Kien mar l-ufficcju taghhom tal-ALE u wara li tawh id-drittijiet tieghu, hu spjegalu li ha jigi akkuzat li zamm lil kelb bic-cinga u barra l-kamra, fejn l-imputat qalilhom illi kien sab il-kelb Bahar ic-Caghaq jigri mat-toroq, u hadu mieghu d-dar biex ma ttajrux karozza. L-imputat spjega illi qabel kien izommu f'kamra gewwa u l-kelb kellu fejn jigri izda minhabba li kellu *enforcement* mill-MEPA kellu jnehhiha izda dejjem ha hsiebu, fil-fatt deher iddispjacut li hadulu l-kelb. Hu kien hejja r-rapport mmarkat Dok IM1. Ix-xhud qal illi hu mar tliet darbiet fuq il-post u kienu ndunaw li l-kelb ma kellux ikel u xorb ghax kellu zewg bowls li kienu jkunu vojta. Fil-kontro ezami ix-xhud qal illi ma kienx ra li l-kelb kellu xi griehi u kien *friendly* hafna u ra l-bowls vojta, ghalkemm ma jistax jghid jekk il-kelb kienx kiel u xorob kollox.

Illi fil-25 ta' Novembru 2021 xehed PC451 Aaron Bugeja, fejn qal illi fid-19 ta' Novembru 2019 kien xoghol mal-ALE u ra kelb marbut f'Bahar ic-Caghaq. Fit-22 ta' Novembru 2021 ghal xil-11.00am waqt illi kien xoghol ma' PC217, rega' ra l-istess kelb marbut b'cinga qasira u PC217 qallu li hu ukoll kien rah darb'ohra u ddecidew li jcemplu lil Animal Welfare, ghax ma kellux ikel u ilma, u x'hin gew, haduh maghhom ghax ma kienx iccipjat. Ix-xhud kompla jghid illi kien hemm kamra, imma ma kellhiex sodda ghal kelb. Ma kien hemm hadd fil-post u hu qatt m'iltaqa' mas-sid,

ghalkemm shabu kienu qalulu li sabu minn kien mill-hamiem. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonferma li l-kelb kien f'proprjeta' privata u huma kienu qabzu u baqghu mexjin sa fejn kien hemm il-kelb. L-ewwel darba, meta kien ra l-kelb kien sejjer fuq bicca xoghol ohra. It-tieni darba meta rega' rah ma' PC217, ma jistax jghid jekk kienx b'sahhtu jew le, imma l-kelb ma kellux fejn joqghod lanqas tapit. Il-kelb kien tal-kacca, u hu kien ilu f'dan ix-xoghol ghal tmien snin, u jaf illi l-klieb tal-kacca huma fuq ruhhom u *friendly*. Ix-xhud kompla jghid illi ma jafx ezatt kemm kienet twila c-cinga, ghax siehbu kien ha xi ritratti, izda bejn wiehed u iehor kienet xi metru u nofs. Hu ma setax jghid fejn jorqod il-kelb u kemm kien ilu hemm il-kelb. Ilma ma kellux ghax siehbu kien mlielu l-ilma mill-giebja, imma ma jistax jghid jekk kellux u waqqghu.

Illi fl-24 ta' Marzu 2022 xehed Carmelo Attard, in rapprezentanza ta' APH Ltd, li huwa l-isptar tal-animali ta' Qali, fejn ipprezenta rapport li gie mmarkat bhala CA1[1] maghmul mit-tabib Dr Sara Maran.

Illi fit-12 ta' Mejju 2022 xehdet Dr Sara Maran, li hija vet fl-isptar tal-annimali APH. Hi kienet rat kelb li kienu hadu tal-Animal Welfare bin-numru 2049185 ghal vista. Il-kelb kien f'kundizzjoni tajba, apparti li kellu Ehrlichia, li hija marda fid-demm li tista' tittiehed minn gidma u gharfet il-firma taghha fuq ir-rapport mmarkat Dok CA1.

Illi xehed l-imputat Denis Calleja, fejn qal illi waqt li kien Bahar ic-Caghaq ra l-kelb jigri u kienet ser ttajru karozza. Kien ghadu puppy, u kulhadd qallu biex jiehdu, u hu hadu d-dar, hasluh u beda jghix mal-familja tieghu, l-mara u tfal. Ipprezenta ritratti tal-kelb flimkien maghhom mmarkati Dok DC1. Huma kienu jhobbuh tant illi meta ma sabuhx kien cempel lil Pulizija u l-Animal Welfare biex jghinuh jsib il-kelb. Hu kkonferma li l-kennel kienet barra x-xatba, imma l-passagg kien jaghmel parti mill-art tieghu, ghax ghandu 72 tomna u hemm xatba ohra 'l isfel mat-triq. Il-kelb kien jghix maghhom, izda jista' jkun li raw il-kelb xi tliet darbiet ghax hu kien inizzlu l-ghalqa bejn it-8.30am u 2.00pm, ghax ma kienux jhallu l-kelb id-dar wahdu ghax kien iqatta' kollox. Kienu jitimghuh qabel ma jnizzluh, ghax mhux tajjeb thallilu l-ikel, izda kienu jhallulu l-bowl tal-ilma mimlija, issa jekk l-kelb qaleb l-ilma, hu ma jafx. Meta hallieh mahlul, kienet ser ittajru karozza u b'hekk beda jorbtu b'cinga twila ta' xi tliet metri u kien jhallilu ukoll il-*quilts* tat-tfal fil-kennel imma kien

---

[1] A fol. 73 tal-atti processwali

jqattaghhom. Ix-xhud qal illi jikkalkula li meta sabu, il-kelb kellu xi xahrejn ghax ftit wara beda jbiddel snienu. Kien jixtrilu l-gwies ta' kwalita' tajba. Meta sabu nieqes beda jcempel lill-Pulizija u l-Animal Welfare, u hu stess kien mar ghand il-Pulizija. Hu ma kienx iccippja l-kelb ghax ma kienx iccekkja jekk kienx iccippjat, ghax kieku mar sidu ghalih kien jaghtihulu lura. Hu kien hallieh marbut f'dawk il-hinijiet ghal bejn seba' u ghaxart ijiem ghax kien kiel kollox id-dar. L-imputat qal illi hu ma kienx hadu ghand il-vet minhabba snienu ghax mill-esperjenza kien jaf li jikluh snienu bhal tat-tfal. Fil-kennel kien ihallilu l-affarijiet, imma l-kelb kien johrog kollox 'il barra.

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhieda ta' numru ta' Pulizija tal-ALE, jirrizulta illi l-kelb kien gie nnotat f'diversi okkazzjonijiet u f'hinijiet diversi, marbut b'cinga f'ghalqa, minghajr ikel u xorb u minghajr akkomodazzjoni xierqa. Fil-fatt il-Pulizija ddecidew li jcemplu lil tal-Animal Welfare, fejn dawn iddecidew li lill-kelb jiehduh maghhom, halli jigi spezzjonat fl-isptar tal-annimali. Irrizulta illi l-kelb li kien ghadu geru, kien jidher b'sahhtu u ma kellu ebda griehi, izda ma kienx iccippjat u ghalhekk ma setghux jintraccaw is-sid. Minn spezzjoni li saret fl-ghalqa ta' l-imputat, instabu hamiem li kienu jaghmlu parti minn Klabb, u meta sar kuntatt mal-klabb, l-imputat Denis Calleja gie identifikat bhala sid. Fl-istess gurnata jidher li Denis Calleja beda jipprova jsaqsi dwar x'sar mill-kelb, w accetta li jmur ikellem lill-Pulizija. Skont Denis Calleja, hu kien sab il-kelb li kien qieghed jigri barra u kien hadu mieghu d-dar fejn kien jghix mieghu, mal-mara u mat-tfal u kien mahbub ferm. Hu kien jnizzlu l-ghalqa mit-8.30am sas-2.00pm, ghax meta kienu jhalluh id-dar wahdu kien jaghmel hafna hsara.

**Ikkunsidrat**

Illi qed issir referenza ghal kawza fl-ismijiet '**Pulizija vs Joseph Galea**[2] fejn il-Qorti iddentifikat hames drittijiet bazici ghall-annimali;

> *'L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet taghhom u bazikament huma maqsuma f'hames taqsimiet:*

[2] Deciza 29 ta' Mejju 2013, Qorti ta' l-Appell per Onor. Imhallef Dr Michael Mallia, Kawza numru 396/2011.

1. *Li jigu mehlusa mill-guh, il-ghatx billi jkun hemm access ghall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-sahha ta' l-annimal.*
2. *Li ma jkunux soggetti ghal dizagi u skonfort billi jigi provdut ambjent siewi nkluz lquh mill-elementi u post fejn jistghu jistriehu.*
3. *Li ma jkunux soggetti ghall-ugieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn mehtieg.*
4. *Li jkunu jistghu jghixu l-hajja normali taghhom billi jigi provdut spazju, facilitajiet adekwati u jkunu esposti ghal annimali ohra ta' l-ispeci taghhom.*
5. *Li jkunu hielsa mill-biza' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.*

Qed issir referenza ukoll ghal kawza '**Pulizija vs Anthony Bonett'**[3], fejn intqal illi;

> *'F'dan il-każ, l-imputat mhux mixli li sawwat lill-annimali jew li ħaqarhom b'mod attiv b'atti ta' krudelta'. Iżda l-fatt li l-fniek u l-klieb kienu miżmuma f'ambjenti mudlama u maħmuġa wkoll iwaslu għal dak li l-Liġi trid li ma jsirx fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu, li aktar minn ħaġa oħra huwa wkoll dikjarazzjoni ta' prinċipji tradott f'Liġi sostantiva u punittiva, juri l-kriterji li għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-annimali. Il-fatt li jingħataw ikel u xorb mhux biżżejjed biex annimali jiġu ritenuti li qed jiġu legalment imħarsa kif jixraq.'*

Ghalhekk fil-kaz odjern huwa car illi l-fatt li l-kelb ma kellux griehi u kien b'sahhtu, mhux bizzejjed sabiex jinghad illi l-kelb kien qieghed jinzamm b'mod responsabbli u xieraq u li kellu l-htigijiet tieghu mharsa. Illi mix-xhieda moghtija, anke mill-imputat stess, jirrizulta ukoll illi l-kelb kien qed jinzamm marbut ghal hinijiet twal u li l-imputat naqas milli jiccippja lill-istess kelb kif rikjest mill-Ligi.

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi **l-ewwel (1) imputazzjoni** migjuba fil-konfront ta' l-imputat **ma gietx ppruvata sal-grad rikjest** mil-Ligi, b'dan illi **l-imputazzjonijiet bin-numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5)** migjuba fil-konfront ta' l-imputat **gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.**

[3] Deciza 9 ta' Jannar 2019, Qorti tal-Magistrati per Onor. Magistrat Dr Aaron Bugeja.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed **tillibera lill-imputat minn akkuza numru wiehed (1),** u wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9, Artikolu 8(3), 8(4) u 45(1) tal-Kapitolu 439, kif ukoll Regolament 3(1) tal-L.S. 439.21 u Regolament 5(2) u 11 tal-L.S. 437.101 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-**imputat Denis Calleja hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' elfejn Euro (€2,000).**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**